



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 128/20
Il-Lussemburgo, 6 ta' Ottubru 2020

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Dħul fil-kariga ta' Membri ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Udjenza solenni tas-6 ta' Ottubru 2020

Permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Settembru 2020, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru, bħala Mħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu bejn is-7 ta' Settembru 2020 u s-6 ta' Ottubru 2024, lil Ineta Ziemele minflok Egils Levits u, għall-perijodu bejn is-6 ta' Ottubru 2020 u s-6 ta' Ottubru 2024, lil Jan Passer minflok Jiří Malenovský.

Fl-okkażjoni, minn naħħa, tal-waqfien mill-kariga u tat-tluq ta' J. Malenovský u, min-naħħa l-oħra, tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-Membri l-ġodda tal-Istittuzzjoni, illum ser tinżamm udjenza solenni fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-udjenza solenni ser tixxandar b'mod dirett mis-18.30 fuq is-sit aċċessibbli permezz ta' dan il-link: <https://c.connectedviews.com/cdj>

Curriculum vitae tal-Membri l-ġodda

Ineta Ziemele

imwielda fl-1970; gradwata fid-dritt mill-Università tal-Latvja (1993); studji postuniversitarji tas-sistema legali Amerikana, tad-dritt u tal-politika tal-Komunitajiet Ewropej u tax-xjenzi politiċi fl-Università ta' Aarhus, id-Danimarka (1993); master fid-dritt internazzjonali mill-Università ta' Lund, l-Isvezja (1994); dottorat fid-dritt mill-Università ta' Cambridge, ir-Renju Unit (1999); assistenta parlamentari fil-Parlament tar-Repubblika tal-Latvja (1990-1992); konsulenta mal-kummissjoni għall-affarijiet barranin tal-Parlament tar-Repubblika tal-Latvja (1992-1995); assistenta universitarja fi ħdan id-dipartiment tat-teorija ġuridika u politika u tad-dipartiment tad-dritt internazzjonali u tad-dritt tal-baħar, u mbagħad lettriċi tad-dritt internazzjonali u tad-dritt Ewropew, fundatriċi u direttriċi tal-Istitut tad-drittijiet tal-Bniedem tal-Università ta' Latvja (1993-1999); konsulenta mal-Prim Ministro tal-Latvja (1995); konsulenta mad-Direttorat Ġenerali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, Strasbourg, Franza (1999-2001); professoressa "Söderberg", professoressa mistiedna, u mbagħad professoressa tad-dritt internazzjonali u tad-drittijiet tal-Bniedem fl-Iskola superjuri tad-dritt ta' Riga, il-Latvja (mill-2001); professoressa mistiedna fl-Istitut Raoul Wallenberg, fl-Università ta' Lund (2001-2005); Imħallef u Presidenta ta' Awla u mbagħad Imħallef ad hoc fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Strasbourg (2005-2014); korrispondenta tal-Akkademja tax-Xjenzi tal-Latvja (mill-2017); awtriċi ta' diversi pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-dritt internazzjonali u nazzjonali pubbliku; fundatriċi u membru tal-kumitat editorjali tal-Baltic Yearbook of International Law; Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Latvja (2015-2000); President tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Latvja (2017-2020); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-6 ta' Ottubru 2020.

Jan Passer

imwieleed fl-1974; gradwat fid-dritt (1997) u dottorat fid-dritt (2007) mill-Università Charles ta' Praga (1997); gradwat Master of Laws mill-Università ta' Stokkolma (2000); uffiċjal ġudizzjarju stagiaire fil-Qorti Muniċipali ta' Praga (1997-2001); Imħallef fil-Qorti tad-Distrett Amministrattiv ta' Praga 2 (2001-2005); Imħallef fil-Qorti Amministrattiva Suprema tar-Repubblika Ċeka (2005-2016); lettur tad-dritt b'mod partikolari tal-Unjoni Ewropea fl-Università Charles ta' Praga (2001-2003), fl-

Universit   Masaryk ta' Brno (2006-2016), fl-Universit   Palack   ta' Olom  c (2014-2016) u fl-Akkademja tal-  Ġustizzja tar-Repubblika   eka (2001-2016); Imħallef fil-Qorti   Ġenerali (2016-2020); Imħallef fil-Qorti tal-  Ġustizzja mis-6 ta' Ottubru 2020.

Dokument mhux uffi  jali g  all-u  u tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-  Ġustizzja.

Kuntatt g  all-istampa: Jacques Ren   Zammit ☎ (+352) 4303 3355